ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 04/12**
***Kienet addottata Aġenda nru. 03/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tnejn, 30 ta' April 2012**

**Ħin: F' Nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**
- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsilliera s-Sinjura Marija Saliba kienet skużata.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. <u>TALBA</u>

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Il-Perit tal-Kunsill li kien preżenti għall-laqgħa ta spjegazzjoni tal-proġett propost ta' *picnic area* u *belvedere* għall-inħawi tax-Xwejni.
Il-Kunsill approva l-ħlas tal-*building levy* €1,219.01 biex ikun jista' jitkompla l-proċess fuq l-applikazzjoni.

Is-Sindku ssospenda l-laqgħa biex indirizza l-kamra tal-Power Sound.

Il-Kunsillier Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat minħabba mpenji personali.

## 2. <u>ILWIEN IR-REBBIEGĦA</u>

Il-Kunsill iddiskuta l-programm ta' attivitajiet għal Ilwien ir-Rebbiegħa 2012.

| | |
|---|---|
| Il-Ġimgħa<br>1 ta' Ġunju 2012 | Ikla tradizzjonali fi Pjazza l-Assunta.<br>L-ikel ikun preparat mill-Bar taċ-Ċentru.<br>Tkun bi ħlas għal kulħadd. Il-benefiċċjarji tal-ikla jkunu s-Soċjeta' Filarmonika Sta Marija, il-Kumitat tal-Armar, il-Kumitat tan-Nar u l-Kumitat Zebbug Rovers F.C.: tinżamm |

| | |
|---|---|
| | laqgħa l-Ħamis 10 ta' Mejju fit-8.00pm fil-bini tal-Kunsill. Għal din l-ikla, nistiednu l-kantanti Freddie Portelli u Marisa d' Amato. Jippreżentaw Diane Calleja u Christian Cassar. |
| Is-Sibt<br>2 ta' Ġunju | Serata fi Pjazza l-Assunta<br>Possibbilment bil-parteċipazzjoni ta' Cini Band, Kor Regina Angelorum, Gymnastics Club & Ballet School, il-Band ta' Adrian Axiaq, *magician*, il-grupp ta' Pamela u Glen (mużika Gospel). Ikun hemm divertiment għat-tfal *bouncy castles* u *face painting*.<br>Jippreżentaw illejla Diane Calleja u Christian Cassar. |
| Il-Ħadd<br>3 ta' Ġunju 9.00am | Marċ mat-toroq tar-raħal mill-Banda Sta Marija.<br>Wirja bil-klieb tal-Pulizija fi Pjazza l-Assunta u jsir it-tberik tal-għassa. |

Il-Kunsill iddeċieda li:

- jitlob kwotazzjoni lil Power Sound għal kiri ta' pa system u dwal għall-Ġimgħa u s-Sibt.
- jintrama l-festun tal-pjazza u jinġab *meter* temporanju tad-dawl.
- jitqassam *flyer* fid-djar f' Għawdex (nitolbu stima lil BCD u ta' Debono Printing).
- servizzi ta' Pulizija u kenniesa.

## 3. L-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS* GĦAS-SENA 2011

Is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra l-*audited financial statements* għas-sena 2011. Il-*financial statements* ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 4. MATERJA OĦRA

Is-Sindku ddikjara li b' effett immedjat qed jirrinunzja għall-kuntratt tal-bankini li għandu mal-Kunsill.

Il-Kunsill ftiehem li jagħmel sejħa għall-offerti għall-kuntratt tal-bankini.

## 5. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-3.00 ta' filgħaxija u l-Kunsill aġġorna għal 15 ta' Mejju 2012 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba<br>Sindku | Diane Tagliaferro<br>Segretarja Eżekuttiva |